FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju, 2002

**Numru 11**

**Avviz. numru 482/02JR**

**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**vs**

**Androxa Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz prezentat fis-27 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija tnejn u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm452.12), ammont dovut bhala prezz ghall-servizzi ta' manutenzjoni, u l-bejgh ta' materjali/sistemi ta' sigurta` pprovduti lid-debitur.

Bl-ispejjez.

**Ra li s-socjeta` konvenuta ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta'  Dr. Kathleen Zarb Adami ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub huwa dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija tnejn u hamsin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm452.12).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**